# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 28 ta' April 2016

Rikors Guramentat Nru. 89/14RGM

Kawza fil-lista: 15

**S X**
**vs**
**L A**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fit-2 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti S X u l-intimat L A izzewwgu fil-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija u sebgha u disghin (1997), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok JB1;

2. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista` mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

4. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunjiet premessi:

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija u sebgha u disghin (1997) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19(c) u 19(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat li ghalkemm debitament notifikat, l-intimat baqa` ma pprezentax risposta guramentata u huwa ghalhekk kontumaci.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol 10 tal-process, li permezz taghha ddikjarat formalment li ma hemm ebda kawza quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dott. Anna Mallia mahluf fil-21 ta' Jannar 2016.[1]

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta' Jannar 2016, l-attrici ddikjarat illi ma hijiex ser tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u rrimettiet ruhha ghall-konkluzjonijiet peritali.

Rat li l-konvenut baqa` ma pprezentax in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Rat l-atti, l-provi u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Il-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Ottubru 1997 meta l-attrici kellha dsatax-il sena u l-konvenut kellu tnejn u ghoxrin sena, wara hames snin gherusija. Sena u tmien xhur wara li zzewwgu l-attrici harget tqila u kellhom tifla, li hija l-uniku wild tal-partijiet.

L-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghaliex, skont hi, il-kunsens taghha inkiseb b’qerq dwar kwalita' tal-parti l-ohra illi tista` mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c); u il-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li

1 Fol 55

taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d).

*Provi tal-Attrici*

Fl-affidavit taghha[2] **l-attrici** in sintesi, tixhed illi meta kellha 14-il sena hija ltaqghet ma' l-intimat gewwa diskoteka. Hu kellu 19-il sena. Ghamlu tmien xhur johorgu flimkien kull nhar ta' Tlieta u l-intimat beda jorqod ghand ommha ghax dejjem kien ikun xoghol u kien jasal tard bil-lejl u kienet tkun difficli biex jiltaqghu. L-intimat kien jiekol, jinhasel u jorqod ghand ommha. Huwa dejjem kien jghidilha li *money no problem* u li wara li jizzewgu jkunu jistghu igawdu aktar lil xulxin u jkollhom zewgt itfal. Kien dejjem ipingilha affarijiet sbieh u weghda li kien ser ikollhom familja sabiha.

Tghid li zzewgu meta hi kellha 19-il sena u honeymoon gewwa Ghawdex ghamlu jumejn biss minn gimgha ghax missieru beda l-hin kollu jcempillu u jghidlu 't-taxi qieghda fil-garaxx u inti qieghed Ghawdex.' L-intimat beda jgerger li qed jitlef ix-xoghol u ghalhekk wara jumejn nizlu lura Malta.

Tghid li ghamlu sena jghixu ma' ommha u sena wara lestew il-post l-gdid. L-ispejjez hargithom hi u missierha ghax l-intimat ma kienx jiehu gost bl-ispejjez. Qatt ma ta paga kemm damu jghixu mal-genituri taghha u l-ispejjez ta' kuljum kienet tiehu hsiebhom ommha.

Meta marru jghixu ghal rashom l-intimat kien imur id-dar biss biex jiekol, jinhasel u jitlaq u jmur id-dar tard bil-lejl biex jorqod biss. Hi kienet tghidlu biex inaqqas ftit mix-xoghol u kienet tfakkru x'weghda qabel z-zwieg li kienu ser igawdu lil xulxin u li l-flus mhux ser jkunu problema. Tghid li ohtu kienet tithassarha u kienet tmur torqod maghha, u lil ommha ma kienet tghidilha xejn biex ma tinkwetahiex.

Tghid li madwar sena u nofs wara li zzewgu, l-intimat kien biegh t-taxi u minflok xtara skemil izda xorta ma kienux iqattghu hin flimkien peress li kien jghid li jrid iqum kmieni. Kien imur ghax-xoghol fit-3.30am u jigi lura fil-11am, jinzel fil-garage ikompli jahdem u jmur d-dar fil-ghaxija biex jorqod ghax l-ghada kien ikun xoghol kmieni. Ftit li xejn kienet tarah u fil-fatt kien anke jghidilha biex tghallmu kif jibghat l-emails u biex tmur tigborlu xi flus jew fatturi. Tghid li meta kienet taghmel xi haga tax-xoghol li ma tkunx ezattament kif ikun qalilha, kien isir vjolenti fil-konfront taghha.

Tghid li l-intimat ma riedx tfal qabel ma jghaddu sentejn miz-zwieg u l-argumenti kienu jkunu wkoll fuq hekk. Harget tqila sena u tmien xhur miz-zwieg u bdew il-

2 Fol 20

problemi ghax L kien igerger li qed jonfoq il-flus. Kien igerger anke meta kien ikollha tiehu t-tarbija ghand it-tabib. Affarijiet ghat-tarbija kien jixtrilha missierha anke halib u hrieqi. Jekk ma taqbilx mal-intimat, huwa kien jghajjat, jidghi u jsawwatha. Kien iwahhal fiha li biegh t-taxi. Ommha kienet tkun ghandha tghinha fit-tifla u taghmlilha kumpanija ghax dejjem wahedha kienet tkun id-dar.

Tghid li qatt ma mar imkien maghha, lanqas ghall-kors ta' Kana ghaliex kien jidhol jaghmel present u jitlaq ghax-xoghol u jhalliha wahedha. It-tifla taghhom lil missierha ma tafu xejn u qatt ma mar l-iskola lanqas ghal *prize days* u t-tifla kienet ssaqsiha ghaliex hija tmur wahedha u l-genituri tat-tfal l-ohra jkunu hemm it-tnejn u kienet issaqsiha "*Id-daddy ma jhobbniex?*"

Tghid li qatt ma taf li hargu f'Lejliet il-Milied jew Lejliet l-Ewwel tas-Sena u d-darba li hargu sawwatha quddiem ommha u bintha. Bahar maghhom darba biss mar u kien telaq wara ftit hin.

Anke meta riedet tirranga l-kamra tas-sodda ghat-tifla kellha thallas kollox hi u hu qalilha li ma jinteressahx u li hija ma tistax tmiss il-flus tieghu. Kellha tmur tahsel ghand in-nies u aktar beda jghidilha li ghandha tixtri kollox hi.

Tghid li kien xtara taxi ohra bi shab ma Joseph Demicoli u l-intimat kien jahdem gimgha filghodu u gimgha bil-lejl. Anke jekk ma kinetx tghaddi bic-*children's allowance* u jkollha bzonn xi flus minghandu kien ikollha taghtihomlu lura meta tircevi c-*children's allowance*.

Kien weghda li jekk tahdem bit-taxi dak li taqla' jkun ghaliha u ghal bidu kienet tahdem sas-siegha ta' wara nofsinhar u L kien jibdilha l-ajruport izda wara spiccat tqatta 12-il siegha xoghol bit-taxi l-ajruport u t-tifla spiccat trabbiha ommha u l-flus li kienet taqla kellha taghtihomlu kollha. F'okkazjoni minnhom kellha bzonn tmur taqta xagharha u kellha taghtih €20 tax-xoghol li tilfet. Anke jekk kienet tiehu zewg ewro tips biex tixtri café, kien jghidilha biex tpoggihom lura u biex ma tmissx flus.

Tghid li lil zewgha diversi drabi qaltlu li ma riditx tmur tahdem bit-taxi peress li n-nies tal-ambjent kien mohhom biss fis-sess izda huwa kien jghidilha biex ma taghtix kashom. Gara li kien hemm xufier tat-taxi certu Daniel li kien juza hafna kliem sabih fil-konfront taghha u anke kellhom relazzjoni intima flimkien u meta qalet lil zewgha huwa talab lil Daniel €1000 talli kellu x'jaqsam maghha u dan qisu qatt ma gara xejn.

Tghid li l-laptop tat-tifla kellu jixtrijulha missier l-attrici, it-television fil-kamra hallsitu hi bi Lm20 fix-xahar u l-*air conditioner* fil-kamra tat-tifla hallsu nofsu missierha. Il-maggoranza tal-ghamara xtrathom hi u missierha.

Tghid li meta darba kellha incident bit-taxi L kien sawwatha u qallha biex thallas l-claim ta’ €350 u kellha thallasha. Tghid li kien igib ruhu mod quddiem in-nies u mod iehor meta jkunu wahdehom. Tghid li qabel iz-zwieg qatt ma sawwatha izda wara z-zwieg kien hemm hafna episodji ta' vjolenza, anke quddiem it-tifla.

L-attrici tghid li ftit li xejn kellhom relazzjoni intima bejniethom u l-ftit li kellhom ma kienx hemm imhabba tant li kien anke jkun vjolenti u gieli kien jaghmel li jrid kontra r-rieda taghha. Spiccat torqod fil-kamra ma’ ommha u mat-tifla imsakkrin ghax kien jheddidha li jaqtaghlha rasha. Anke l-Qorti kienet obligatu biex ma jergghax jaghmel li kien ghamel cioe theddid u vjolenza.

L-attrici tghid li anke pruvat tnehhi hajjitha b’idejha ghax ma felhitx aktar.

Kien spiss jghidilha li ghalih l-ewwel jigu l-flus, u kienet thoss li qisha oggett ghalih.

Xehdet ukoll permezz tal-affidavit **Josephine X**[3] omm l-attrici. Hija tixhed, in sintesi, li bintha kellha 14-il sena meta ltaqat mal-intimat u wara ftit dahal id-dar. Tiftakar li l-ewwel haga li l-intimat qal lil zewgha kienet *‘serrah rasek ghax money no problem’.* Wara xi xahar johorgu flimkien dahal gharus u hija kienet titimghu u tahsillu hwejgu. Il-partijiet nhar ta’ Tlieta biss kienu jiltaqghu u hafna drabi ma kienx imur ghaliha ghax kien jghidilha li nqabad xoghol il-venda. Kien l-intimat li qal lil bintha quddiemha li jekk jizzewgu l-affarijiet ikunu ahjar.

Huma zzewgu fil-5 ta’ Ottubru 1997 u suppost kellhom imorru Ghawdex ghal honeymoon izda wara jumejn marru lura d-dar ghax missier L beda jcempillu u jghidlu li qed jitlef ix-xoghol.

L-intimat ma kienx jiehu interess fl-attrici tant li meta darba marru *weekend break* l-attrici kellha thallas kollox hi ghax inkella qallha ma jmur xejn ghax ma riedx jitlef flus u xoghol.

Tghid li meta zzewgu l-partijiet kienu ghamlu sena joqghodu ghandha u ma kienx jaghtiha paga tant li kollox kienet tixtri x-xhud. Wara marru jghixu fid-dar taghhom u fis-sena 2000 kellhom tifla Kelsey u peress li l-attrici kellha bzonn karozza zewgha kellu johrog nofsha u anke halib u hrieqi kien jixtri r-ragel taghha.

L-intimat kien qalilha biex tmur tahdem jekk trid tixtri l-affarijiet u kellha tmur tahsel ghand in-nies. Fid-dar kollox l-attrici ghamlet ghax hu ma kienx jiehu interess la fid-dar u lanqas fiha. Anke ghal kamra tas-sodda ix-xhud kellha thallas Lm300 minn butha.

---

3 Fol 18

Wara tliet snin tahdem man-nies l-intimat qalilha biex tibda tahdem bit-*taxi* halli jkunu jistghu jaghmlu kapricc u l-attrici kienet iddum xoghol ghal hinijiet twal hafna. It-tifla kienet izzommha x-xhud u ma kienux jaraw lil xulxin ghax meta l-attrici tidhol, l-intimat kien johrog ghax-xoghol.

Tghid li l-attrici kienet taghti kull ma taqla' lill-intimat u ftit li xejn kienu jqattghu hin flimkien u kien ikun hemm hafna argumenti u glied. Mhux l-ewwel darba li rat lit-tifla tibki u mbengla u affarijiet imkissrin. Darba rat lil L isabbat platt bl-ikel b'kollox meta l-attrici qaltlu li ddejqet peress li ma kienux jqattghu hin flimkien. Darba minnhom anke gidimha quddiem it-tifla u dan tafu ghax kienet ghandhom dakinhar.

Hija tghid li t-tifla dejjem imbezza u kienet ssaqsi lil nannitha jekk ommha u missierha hux kollox sew. Tghid li ftit li xejn tafu lil missierha u dan minhabba li dejjem kien jghid li jkun xoghol.

Hija tghid li l-intimat baqa jghix hajja ta' guvni anke wara z-zwieg u ghalih flus biss u mhux familja. Tghid li dan l-ahhar l-intimat beda jghid lill-attrici li jekk tmiss it-taxi jhanxrilha ghonqha u dan qalu quddiem il-Magistrat u meta semghet hekk hija qaltlu li l-ewwel irid jghaddi minn fuq l-kadavru taghha u dlonk irrispondiha *'mela nibda minnek'*. Bil-biza hija spiccat torqod ghand it-tifla u anke semghetu jghid li t-taxi tigi qabel it-tifla Kelsey u qabel martu.

Anke meta Kelsey kienet tkun ma tiflahx, L qatt ma kien jaghti kaz jew jiehu s-sitwazzjoni bis-serjeta u minhabba fih kellha tabbanduna d-dar u lil zewgha biex tmur tghix ma' bintha l-attrici.

Waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-23 ta' Settembru 2015 l-attrici ressqet lil zewgha **l-intimat in subizzjoni**[4]. Huwa ddikjara li ma jridx avukat. In sintesi, jammetti li kellu 19-il sena meta ltaqa ma' martu u hija kellha sittax. Huwa ma oggezzjonax ghall-annullament. Jghid li kienu ghadhom zghar u ma kinux jafu x'inhu zwieg.

Jghid li meta zzewgu huwa kellu 21 sena u hi kellha tmintax 18-il sena. Kienu zzewgu ghax minghalihom li jekk jizzewgu jkollhom aktar hin flimkien izda gara li minhabba x-xoghol qatt ma qattghu hin flimkien ghax kien jahdem bit-taxi bil-lejl u nhar u hin ghal familja ma kellux. Martu kienet dejjem id-dar u jammetti li qabel izzewgu lil martu kien weghdha li mhux ser jibqa jahdem bit-taxi izda meta zzewgu ma sabx xoghol iehor.

---

4 Fol 47

Jammetti dak li gara fil-honeymoon u li kellu jinzel Malta ghax ma setax jitlef ix-xoghol, u li fil-kors ta' Kana ma marx minhabba x-xoghol u l-gurnata li mar kellu jitlaq qabel minhabba x-xoghol. Jammetti li qatt ma hargu flimkien minhabba x-xoghol. Jghid li zzewweg biex ikun bhal haddiehor. Kellu l-post tieghu u zzewweg kif jaghmel haddiehor. Ghamlu tlett snin gharajjes pero jekk kienu jiltaqghu saghtejn fil-gimgha.

Il-mara kienet tgergirlu u hu kien jghidilha li ma jistax ma jahdimx. Hija kienet tohrog mal-familja taghha ghax hu jkun dejjem xoghol. Jammetti li t-tifla l-mara wahedha rabbietha u hu la qatt mar *parents' day* u qatt ma hareg bit-tifla ghax dejjem xoghol bit-taxi. Jammetti li problema ta' flus qatt ma kellu u lil mara kien jiddeciedi hu kemm jaghtiha flus. Martu kienet tahdem ghand in-nies u ghal bzonnijiet taghha kienet thallas milli taqla hi.

Xehed ukoll bl-affidavit[5] missier l-attrici **Emmanuel X** li jghid in sintesi, illi meta l-intimat dahal id-dar, mill-ewwel intebah li kien ha kunfidenza ma' kulhadd u kien jarah li d-dar tieghu jahsibha lukanda. Kien jinkwieta ferm jara li bilkemm kien iqatta` hin ma' bintu u kien haseb li hekk kif jizzewwgu kien ser juri iktar interess fil-familja u jgib ruhu bhal ragel tal-familja. Jiftakru jghidlu li l-flus ma kinux ser ikunu problema u li bintu ma kinitx ser tbati mieghu, izda minkejja dan, qatt ma ra li kellu responsabbilta` ghal bintu.

Jghid li kemm ghat-tieg kif ukoll ghad-dar kien ihalli l-preparamenti kollha f'idejn bintu izda mbaghad kienu hu u martu li jiehdu hsieb. Kien jigri ta' sikwit li l-partijiet kien ikollhom jiltaqghu izda ma kienx jitfacca ghax kien jghid li nqabad il-venda. Jikkonferma li wara jumejn kienu nizlu mill-honeymoon gewwa Ghawdex ghaliex ma riedx jahli hin u jitlef xoghol.

Jghid li wara z-zwieg ghamlu sena jghixu mieghu u ma' martu izda l-intimat xorta baqa` jghix hajja ta' guvni u qatt ma ra ghaqda u rispett li tistenna bejn il-mizzewwgin. Jghid li dan jghodd anke fir-rigward tal-minuri fejn hu kien ha responsabbilta` mhux biss emozzjonali, izda anke finanzjarju u kien hareg hafna flus ghall-bzonnijiet tal-familja tal-partijiet, inkluz halib, hrieqi u hwejjeg ghat-tifla, li r-responsabbilta` taghha waqghet fuqu u fuq martu.

Jghid li l-partijiet ma kinux johorgu flimkien mat-tifla, u l-ftit li hargu kien anke nqala` l-glied. L-intimat baqa` jghix hajja ta' guvni, kien iqatta` hafna hin il-garaxx jew rieqed meta ma kienx xoghol. Jghid li ghalih flus biss u mhux familja.

Jghid li kemm il-darba sab lil bintu tibki u gieli semghu jitkellem oxxen fil-presenza tat-tifla taghha. Jghid li l-aspett aggressiv tieghu qatt ma kien urih qabel iz-zwieg, u ghalhekk hu kien qarraq bl-attrici.

---

5 Fol 40

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

In tema legali jinghad illi l-qrati taghna kostantement qiesu l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieglu is-salvagwardji misthoqqa. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewwgux, tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li jkun gie segwit ir-rit impost bil-ligi.

Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza fis-6 ta' Novembru 1991:

> *"F'materja ta' żwieg li hu ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza fis-27 ta' Jannar 2006, jinghad hekk:

> *"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**, deciza fit-28 ta' Lulju 1987:

> *"...ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Fil-kaz odjern, ezami tal-premessi u kawzali imressqa mill-attrici fir-rikors promotur juri illi hija qed issejjes il-kawza fuq zewg *caput nullitatis*. It-test tal-Kap 255 rilevanti ghall-pretensjonijiet tal-attrici huwa s-segwenti:-

*19 (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(c) jekk il-kunsens inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga;***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

Il-Qorti ezaminat ir-rapport tal-abbli Perit Legali Dr Anna Mallia. Il-konkluzjoni peritali taghha hija fis-sens illi l-pretensjoni tal-attrici ma gietx ippruvata fir-rigward tas-subinciz (c), izda ghandha tigi milqugha fir-rigward is-subinciz (d).

*Is-Subinciz (c) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255*

B’zieda mal-gurisprudenza ccitata mill-Perit Legali fir-rigward ta’ din il-kawzali din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fid-29 ta’ Novembru 2013 fl-ismijiet **Isabelle Rossi vs Michael Rossi**, fejn il-Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

> *“L-ewwel kawzali u cioe` s-subinciz (c) huwa dak tal-qerq; din il-Qorti taqbel ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti li ma tirriskontra ebda qerq, fis-sens moghti mill-gurisprudenza nostrali, fl-atti tal-kawza. Fir-rigward tas-subinciz (c) infatti l-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Mary Farrugia v. Joseph Farrugia (13 ta’ Marzu 1995) qalet illi: “Biex tissussisti s-sitazzjoni ravvistat fil-paragrafu inkwistjoni iridu jikkonkorru erbgha affarijiet;*
> *1. Il-qerq ipperpetrat bil-hsieb li jikseb il-kunsens tal-parti;*
> *2. Li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*
> *3. Li l-qerq ikun jirrigwardja xi kwalita’ tal-parti l-ohra u*
> *4. Li din il-kwalita’ tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.”*

Fi kliem iehor, irid ikun hemm l-intenzjoni pozittiva ta' parti minnhom, li permezz ta' raggiri, tinduci lill-ohra sabiex taghti l-kunsens taghha, billi per ezempju tahbi difetti serji jew addirittura tikkonvinciha minn pregji li ma jezistux.

Fl-isfond ta' dak hawn fuq espost, huwa car illi l-prova kardinali li trid issir hija li l-qerq gie perpetrat sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi li ressqet l-attrici fir-rigward u ma rriskontrat l-ebda prova li b'xi mod turi li l-intimat zamm mistura xi kwalita` tieghu sabiex jinduci lill-attrici taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg.

Huwa minnu illi l-attrici u l-genituri taghha jghidu illi l-intimat kien iweghdha illi meta jizzewwgu l-flus ma kinux ser ikunu problema u li huma kienu ser igawdu lil xulxin, izda mbaghad ma gara xejn minn dan ghaliex l-intimat baqa` mohhu biss fix-xoghol u l-flus. Dan pero` ma jammontax ghal 'qerq' fit-termini ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 19(1)(c), fejn irid jigi ppruvat specifikament illi l-qerq dwar xi kwalita` tal-persuna l-ohra gie pperpetrat bil-ghan li jinkiseb il-kunsens.

Dwar il-karattru vjolenti tal-intimat, l-attrici tghid illi qabel iz-zwieg qatt ma sawwatha izda wara z-zwieg l-espisodji ta' vjolenza fizika u morali kienu jkunu spissi anke quddiem it-tifla. L-attrici ma tispecifikax meta kienu bdew dawn l-episodji izda mill-affidavit taghha jirrizulta illi l-kawza principali tal-aggressivita` tal-intimat kienet il-fatt illi skond hu, kien biegh it-taxi habba fiha. L-attrici stess tixhed illi *"Niftakar li wara madwar sena u nofs mizzewgin, L kien biegh it-taxi li kellu dak iz-zmien u minflok kien xtara skemil..."* Tghid ukoll: *"...meta kien jiftakar li kien biegh it-taxi skont hu minhabba fija huwa kien jinfex fil-vjolenza."* Lanqas ma jissemmew episodji vjolenti fis-sena li damu jghixu mal-genituri tal-attrici. Dan kollu jmur biex juri illi kien biss wara li ghaddiet mill-inqas sena u nofs miz-zwieg illi l-konvenut beda juri aggressivita` u vjolenza fil-konfront tal-attrici, u principalment minhabba kwistjonijiet relatati ma' xoghol u flus.

Ma jirrizultax ghalhekk lil din il-Qorti illi l-intimat zamm mistur il-karattru vjolenti tieghu sabiex jinduci lill-attrici taghti l-kunsens matrimonjali taghha. Ghaldaqstant dik il-parti tat-talba attrici msejsa fuq din il-kawzali qed tigi respinta.

*Is-Subinciz (d) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255*

Jinsab ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana li ghall-finijiet tal-kunsens ghaz-zwieg, diskrezzjoni tal-gudizzju tfisser li l-persuna trid tkun kapaci tevalwa x'inhuma l-obbligi u d-doveri li jimporta mieghu il-kunsens matrimonjali. Wiehed irid ikun kapaci japprezza u jifhem id-drittijiet u d-dmirijiet li jgib mieghu dan l-istitut.

In tema legali, l-Ewwel ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg. Fl-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Titolu li jaqra - *Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin* - jinghad hekk:

*'2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*(3) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.'*

B'zieda mal-gurisprudenza kkwotata mill-abbli Perit Legali in rigward, din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** (Citazz nru 140/10RGM) deciza fit-12 ta' Frar 2016 li permezz taghha giet konfermata sentenza moghtija fil-prim' istanza, u fejn intqal illi :-

> *"... jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili* ***Josette Spiteri v. George Spiteri*** *[Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritikovalutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [Prim'Awla* ***Selina Maria Vella Haber v. Joseph Gatt*** *– 15.4.1996]. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm* ***l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku]*** *(emfasis ta' din il-Qorti) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi pprovat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso,* <u>*quanto per gli impegni che da quell'atto*</u>

*derivano.* [sottolinear tal-Qorti] *Una discrezione che impegni per il futuro." [**Bersini** - citat fil-kawza Prim'Awla **Angela Spiteri Selvaggi v. Joseph Spiteri** deciza 4.11.1994].*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili **Alfred Tonna v Maria Tonna** deciza fil-31 ta' Dicembru 1996, fejn gie enuncjat is-segwenti fir-rigward tad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju:-

*"... irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett."*

Fis-sentenza **Mario Mizzi vs Maris Mizzi** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 jinghad li:

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."* [sottolinear ta' din il-Qorti]

Din il-Qorti tosserva ghalhekk illi dak li hu mehtieg huwa 1) l-kapacita` tal-individwu illi jiddeciedi ghalih innifsu; 2) bl-gharfien u l-konsapevolezza li tali ghazla timporta obbligazzjonijiet u drittijiet; u 3) bl-accettazzjoni li tali obbligazzjonijiet u drittijiet jiffurmaw parti integrali mill-kunsens li wiehed ikun qed jaghti.

Ghalhekk din il-Qorti sejra issa tapplika l-principji elenkati ghall-fattispecie tal-kaz odjern.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tinnota li z-zmien antecedenti z-zwieg tal-partijiet kien karatterizzat minn hinijiet twal ta' xoghol tal-intimat, tant li ghall-bidu kienu jiltaqghu biss darba fil-gimgha, kull nhar ta' Tlieta. Apparti hekk, sa mill-bidu nett, l-intimat wera li l-flus jifformaw parti fondamentali minn hajtu. Wahda mill-ewwel affarijiet li kien qal lil missier l-attrici meta dahal ghandhom kienet illi mieghu, il-flus ma kinux ser ikunu problema. Kien ukoll iwieghed lill-attrici illi meta jizzewwgu ma jkollux ghalfejn jahdem daqshekk u kienu ser ikunu jistghu igawdu izjed lil xulxin.

Sfortunatament irrizulta li l-flus kienu wahda mill-ikbar problemi f'dan iz-zwieg tant illi kif jammetti l-intimat stess in subizzjoni, ix-xoghol ghalih kien jigi l-ewwel u qabel kollox, sahansitra qabel martu u bintu. Indikazzjoni cara ta' din ir-rebgha ghall-flus huwa l-fatt li ghall-kors ta' Kana kien jidhol jaghmel prezent imbaghad jitlaq u jhalliha wahedha, u dan sabiex imur jahdem. Daqstant gravi huwa l-fatt li dik li kellha tkun honeymoon ta' gimgha gewwa Ghawdex giet interrotta mill-konvenut wara jumejn sabiex ma jitlifx izjed xoghol!

Mix-xhieda prodotti fil-kors ta' dawn il-proceduri tohrog lampanti l-fissazzjoni tal-intimat fuq ix-xoghol, in-nuqqas ta' hin ghal xulxin u l-indifferenza tal-intimat versu bintu. Hajjet l-intimat iddur madwar ix-xoghol u l-flus, u dan a detriment tal-gherusija u l-preparazzjoni ghaz-zwieg, u eventwalment a detriment tal-hajja familjari tieghu ma' martu u bintu.

L-intimat jixhed li zzewweg ghaliex kellu d-dar lesta u biex ikun bhal haddiehor, mentri l-attrici tghid li zzewwget lill-intimat ghaliex ittradiha bi kliemu. Qabel ma zzewwgu kien jghidilha hafna kliem sabih u li wara z-zwieg ser ikollhom cans igawdu lil xulxin u li ser ikollhom zewgt itfal, izda baqa` jghix hajja ta' guvni ffukata fuq ix-xoghol.

Il-hajja intima tal-partijiet ukoll kienet nieqsa minn kwalsiasi sentiment, u apparti li l-attrici tghid li ma tantx kien ikollhom inkontri intimi, tghid ukoll li l-ftit li kien ikollhom kienet iccentrata fuq dak li jrid hu, anke kontra r-rieda taghha. In-nuqqas ta' sensibilita` lejn il-bzonnijiet u l-emozzjonijiet ta' martu huwa evidenti wkoll fil-fatt li akkost li jaghmel izjed flus, l-intimat ma ddejjaq xejn li jibghat lil martu tahdem bit-taxi f'ambjent fejn hi qaltlu li thossha skomda. Anke meta l-attrici fittxet lil haddiehor u ammettiet mieghu li kellha relazzjoni extra-maritali ma' certu Daniel, l-intimat wera indifferenza totali u sahansitra ried jaghmel il-flus minn fuq it-tradiment ta' martu billi talab lil dan Daniel elf Euro talli kellu x'jaqsam ma' martu.

Anke f'dak li jirrigwarda t-tifla, l-intimat ma kien juri ebda attenzjoni lejha u l-bzonnijiet taghha, kien jinkwieta biss illi din kienet ser izzidlu l-ispejjez. Qatt ma kien prezenti f'hajjitha u jidher li ftit ikkontribwixxa lejn il-bzonnijiet sia emozzjonali u kif ukoll materjali taghha, tant li kienu jidhlu n-nanniet materni biex jaghmlu tajjeb ghal kollox.

Komportamenti dawn li jindikaw mhux biss semplici kilba ghal flus, izda ossessjoni li tvarka f'patologija. Diversi elementi mix-xhieda prodotti jindikaw dan. Il-fatt illi l-intimat kien isir vjolenti ghaliex martu kienet tghidlu jahdem inqas u jqatta` izjed hin maghhom; il-fatt illi kien jippretendi sa l-inqas sold mill-hidma taghha, sahansitra zewg ewro li bihom tixtri kafe`; l-fatt li kif ammess minnu stess hu qatt ma hareg mal-familja ghaliex dejjem xoghol, huma

indikazzjoni cara tal-fatt illi l-intimat ma ghandux ideja ta' xi tfisser komunjoni tal-hajja li huwa element sagrosant taz-zwieg.

Ezaminati l-provi kollha mressqa, huwa evidenti illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien karatterizzat minn nuqqas ta' komunjoni u affezzjoni, bl-intimat mohhu biss fix-xoghol u l-flus. Kien nieqes ukoll minn dik l-intimita` li tissimbolizza l-unjoni u s-sentiment bejn il-mizzewwgin, u meta twieldet bint il-partijiet, gie nieqes dak l-ambjent ta' imhabba u kommunita` familjari li solitament igib mieghu wild gdid. Dan kollu juri li l-intimat kien affett minn nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, li hallietu inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tieghu.

Ghalhekk, it-talba attrici abbazi tal-kawzali 19(1) (d) tirrizulta ppruvata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` t-talba attrici limitatament in kwantu tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet null u bla effett fil-ligi, ai termini tal-Artiklu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif spjegat supra.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**